# Kura tas-Saħħa Primarja

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

Il-Kura tas-Saħħa Primarja, tipprovdi servizzi ta' kura għall-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex, permezz ta' bosta siti mqassma f'postijiet differenti. It-TIM multidixxiplinarju tal-kura tas-Saħħa Primarja huwa impenjat għall-eċċellenza; sal-ogħla livell u kwalità possibbli ta' twassil integrat tas-servizz tal-kura tas-saħħa primarja, filwaqt li jkomplu jiġu esplorati toroq ġodda biex tiżdied aktar l-aċċessibilità tal-pazjenti fil-komunità.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2, Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Pubbliku u l-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://primaryhealthcare.gov.mt/servizzi/*
- Dan id-dokument huwa komplementari għal-'Patient Charter' li jista' jiġi aċċessat fuq din il-link: *Patients_Charter_EN.pdf*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

Nipprovdu informazzjoni speċifika, ċara, u ħielsa minn lingwaġġ tekniku. L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulati fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'korteżija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 60 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien 3 ijiem tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 sa 10 ijiem tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien < 1 sa 3 > jum tax-xogħol mid-data tat-talba. Madankollu, appuntamenti jistgħu jiddependu minn listi ta' stennija tad-Dipartiment u talbiet urġenti li jistgħu jingħataw prijorità.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'korteżija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *clientsupportadmin.phc@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issotometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 12-il jum tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Kura tas-Sa Primarja, 7 Harper Lane, il-Furjana FRN 1940, Malta
- *https://primaryhealthcare.gov.mt*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mal-uffiċċju: *clientsupportadmin.phc@gov.mt* - +356 2123 1231